KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 24.10.2006
KUMM(2006) 621 finali

2006/0203 (CNS)

Proposta għal

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-parteċipazzjoni tal-Komunità fiż-żieda tal-kapital tal-Fond Ewropew għall-Investiment**

(preżentata mill-Kummissjoni)

[SEK(2006) 1347]

MT MT

## MEMORANDUM TA’ SPJEGAZZJONI

### 1) IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

- **Il-bażi u l-għanijiet tal-proposta**

Il-Fond Ewropew għall-Investiment (il-Fond) inħoloq fl-1994. Il-membri fundaturi tiegħu huma l-Komunità Ewropea, irrappreżentata mill-Kummissjoni Ewropea, il-Bank Ewropew għall-Investiment (il-BEI) u numru ta' istituzzjonijiet finanzjarji. Is-sħubija Komunitarja fil-Fond hi ddeterminata mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 1994/375/KE (ĠU L 173, is-7 ta' Lulju 1994, p. 12).

Il-Fond se jeżawrixxi r-riżorsi proprji tiegħu sa nofs l-2007 u ma jkunx jista’ jkompli l-operazzjonijiet tiegħu tar-riżorzi proprji. Għalhekk, wara li l-Bord tad-Diretturi tal-Fond fela bir-reqqa l-qagħdiet prospettivi u l-alternattivi, ippropona li jżid il-kapital sottoskritt b’50% f'termini nominali.

L-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1994/375/KE jispeċifika li l-pożizzjoni tal-Komunità dwar żieda possibbli fil-kapital tal-Fond u dwar il-parteċipazzjoni tagħha f'dik iż-żieda għandha tiġi deċiza b'mod unanimu mill-Kunsill, waqt li jaġixxi fuq proposta mill-Kummissjoni u wara li jikkonsulta lill-Parlament Ewropew. B’hekk, l-għan ta’ din il-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill hu li tiġi approvata ż-żieda ta’ 50% fil-kapital nominali tal-Fond u l-parteċipazzjoni tal-Komunità fih. Wara li l-Kunsill jadotta d-Deċiżjoni proposta, u bi qbil ma' l-Istatuti tal-Fond, il-Laqgħa Ġenerali tal-Fond tawtorizza l-Fond biex iżid il-kapital tiegħu b'50% f'termini nominali. Din id-Deċiżjoni l-ġdida tal-Kunsill tkun tista’ tagħti lok biex il-Kummissarju għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji jivvota favur iż-żieda tal-kapitali meta ssir il-Laqgħa Ġenerali tal-Fond.

- **Kuntest ġenerali**

Is-swieq Ewropej tal-*venture capital* iridu jipprovdu mhux biss aċċess aħjar għall-investiment ta’ kapital u ishma għall-*SMEs* innovativi li jkunu għadhom kemm nħolqu jew għadhom kemm bdew (il-fażijiet *seed* jew *start-up*), iżda wkoll investimenti ulterjuri (*follow-on*) għall-*SMEs* fi stadji aktar avanzati biex jgħinu lin-negozji jilħqu l-potenzjal kollu tagħhom, idaħħlu l-prodotti u s-servizzi tagħhom fis-suq, u b’hekk joħolqu impjiegi u jibqgħu jiffinanzjaw l-attività tagħhom ta’ riċerka. Fir-rigward tas-settur bankarju Ewropew, it-titolizzazzjoni hija meqjusa ħafna bħala waħda mis-soluzzjonijiet possibbli għall-problema tas-self lill-*SME*s li tista’ tkun ġejja mir-rekwiżiti kapitali ta’ Basle II li se jkunu fis-seħħ mill-2008. Mit-twaqqif tiegħu, il-Fond irnexxilu jappoġġja madwar 270 000 *SMEs* permezz ta' investimenti f’ kapitali ta’ riskju u garanziji fuq portafolli ta’ titoli fl-Unjoni Ewropea u fil-pajjiżi ta’ l-adeżjoni. Il-Mandat dwar il-Kapital ta’ Riskju tal-BEI, il-mandat ta' l-*EIP/ERP*[1] mibdi mill-Ministeru Ġermaniż ta' l-Ekonomija u x-Xogħol u l-mandati tal-Komunità (speċjalment il-Faċilità *ETF* għall-impriżi li qed jibdew, il-Faċilità ta' Garanzija ta' l-*SME*s u l-Iskema għat-Tkabbir u l-Ambjent) appoġġjaw lil madwar 263 000 *SMEs* taħt it-tmexxija tal-Fond.

[1] European Recovery Programme (Programm ta’ Rkupru Ewropew)

Filwaqt li l-operazzjonijiet tal-Fond għandhom effett li jsaħħu, dawn għandhom jiġu żviluppati aktar biex ilaħħqu mal-bżonnijiet li qed jinbidlu tat-tipi kollha ta' *SMEs* u tat-tibdil taċ-ċirkostanzi tas-suq. Il-Fond għandu rwol importanti biex jindirizza b'mod flessibbli n-nuqqasijiet persistenti u identifikati sew fis-suq li jillimitaw l-aċċess ta' l-*SMEs* għall-finanzi, b'mod li jtellfu t-tkabbir potenzjali tagħhom fl-istadji kollha: il-ħolqien, it-tkabbir u l-iżvilupp. Fin-nuqqas taż-żieda kapitali, il-Fond ikollu bil-mod il-mod inaqqas l-operazzjonijiet ġodda kollha ffinanzjati mir-riżorsi proprji tiegħu. Minħabba l-obbligi tiegħu ta' ko-investiment taħt ċerti mandati, se jkun hemm ukoll impatt fuq l-attività tal-mandat.

Iż-żieda kapitali tal-Fond tidħol fil-qafas ta' l-istrateġija ta' Liżbona u hi meqjusa bħala miżura oħra ma' dawk stipulati fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "L-Implimentazzjoni tal-Programm Komunitarju ta' Liżbona: l-iffinanzjar tat-Tkabbir Eknomiku ta' l-*SMEs* – Inkabbru l-Valur Miżjud Ewropew" COM(2006) 349, li jinkludi miżuri biex jinħolqu aktar investimenti fil-kapital ta' riskju, biex jiżviluppaw il-finanzi tal-bank għall-innovazzjoni u biex is-sistemi finanzjarji eżistenti joqorbu aktar lejn l-*SME*.

- **Dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam tal-proposta**

Att li jemenda l-Protokoll ta' l-Istatut tal-BEI ġie adottat fil-25 ta' Marzu 1993 (ĠU L 173, is-7 ta' Lulju 1994, p. 14) li ta s-setgħa lill-Bord tal-Gvernaturi tal-BEI biex iwaqqaf il-Fond. L-Artikolu 4 ta' din l-emenda jispeċifika li l-Komunità Ewropea u l-istituzzjonijiet finanzjarji jistgħu jsiru membri tal-Fond u jikkontribwixxu għall-kapital sottoskritt tiegħu. Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1994/375/KE tipprevedi l-parteċipazzjoni tal-Komunità fil-Fond. Wara l-konklużjonijiet tas-*Summit* ta' Liżbona ta' Marzu ta' l-2000, li talbu biex ikun hemm aktar appoġġ għall-inizjattivi tal-kapital ta' riskju favur l-*SMEs*, l-azzjonisti tal-Fond approvaw riforma f'Ġunju ta' l-2000 ta' l-istituzzjoni bil-għan li l-Fond isir strument finanzjarju ewlieni tal-politika Komunitarja mmirata lejn l-*SMEs*.

- **Konsistenza mal-politika u l-għanijiet l-oħra ta' l-Unjoni**

L-għan tal-politika tal-Fond issaħħaħ fis-snin riċenti bl-appoġġ attiv ta' l-istrateġija ta' Liżbona għat-tkabbir u x-xogħol, fejn it-titjib ta' l-aċċess li l-*SMEs* għandhom għall-finanzi u għall-iffinanzjar ta' l-innovazzjoni u r-riċerka huma elementi kruċjali. L-operazzjonijiet tal-Fond jikkumplimentaw il-Mandat dwar il-Kapital ta' Riskju tal-BEI u tal-programmi finanzjarji tal-Komunità bħall-Programm ta' Qafas dwar il-Kompetittività u l-Innovazzjoni (*CIP*), Riżorsi Ewropej Konġunti għall-Intrapriżi Mikro u medji (*JEREMIE*), is-Seba' Programm ta' Qafas ta' Riċerka, li jinkludi wkoll miżuri biex jgħinu lill-*SMEs* permezz tal-programmi ta' Kooperazzjoni u Kapaċitajiet. Kull wieħed minn dawn il-programmi se jaħdem skond l-ambitu u l-linji ta' gwida tal-politika individwali tiegħu, immirati l-aktar lejn grupp speċifiku ta' *SMEs* benefiċjarji, stadji differenti ta' żvilupp ta' l-*SMEs*, u għandhom fil-biċċa l-kbira profili ta' riskju differenti.. Għalhekk, l-istess spejjeż eliġibbli mhux se jkunu iffinanzjati darbtejn, iżda l-Fond jista' jagħmel ko-investimenti mill-kapital tiegħu stess sabiex isaħħaħ l-iffinanzjar tal-baġit Komunitarju għal programmi speċifiċi. Fl-aħħarnett, il-Bord tad-Diretturi tal-Fond għandu r-responsabbiltà li jassigura li r-riżorsi tal-Fond jintużaw biex jikkontribwixxu lejn l-ilħiq ta' l-għanijiet tal-Komunità.

## 2) KONSULTAZZJONI MAL-PARTIJIET INTERESSATI U EVALWAZZJONI TA' L-IMPATT

- **Konsultazzjoni mal-partijiet interessati**

*Metodi ta' konsultazzjoni, setturi ewlenin fil-mira u l-profil ġenerali ta' dawk li wieġbu*

L-ECOFIN ta' l-14 ta' Marzu 2006 adotta rapport dwar il-proposta tal-Grupp tal-BEI (il-BEI u l-Fond) biex jissaħħaħ il-kontribut mill-Grupp tal-BEI biex jippromwovi t-tkabbir ekonomiku u l-impjiegi fl-UE permezz ta' l-istrateġija ta' Liżbona. Dan ir-rapport, li tħejja b'kooperazzjoni mal-Kummissjoni, kien fih proposta biex jiżdied il-kapital sottoskritt tal-Fond b'50% f'termini nominali. Il-Kunsill Ewropew tat-23/24 ta' Marzu 2006 laqa' r-rapport tal-Grupp tal-BEI u saħaq li huwa kruċjali li jkun hemm suq finanzjarju integrat bi sħiħ u aċċess biżżejjed għall-finanzi biex ikun jista' jkun hemm tkabbir ekonomiku ta' l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju. Fl-aħħarnett, iż-żieda fil-kapital kienet approvata u ffirmata mill-Bord tal-Gvernaturi tal-BEI fis-7 ta' Ġunju 2006.

*It-tweġibiet u kif tqiesu: fil-qosor*

L-opinjonijiet tal-Bord tad-Diretturi tal-Fond u tal-BEI huma riflessi bi sħiħ fil-proposta. Il-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju tat-2-3 ta' Marzu 2006 stieden lill-Kummissjoni tagħmel proposta legali biex tiġi eżaminata mill-Kunsill ta' l-ECOFIN.

- **Ġbir u użu ta' ħiliet esperti**

*Oqsma xjentifiċi/esperti konċernati*

L-għarfien espert tal-Fond dwar temi finanzjarji u dwar is-swieq.

*Metodoloġija użata*

Mhux applikabbli.

*Organizzazzjonijiet/esperti ewlenin ikkonsultati*

Il-Fond, il-BEI u l-Bord tad-Diretturi tal-Fond.

*Il-pariri li ntlaqgħu u ntużaw: fil-qosor*

In-natura tar-riskju marbut ma' l-ishma li l-Komunità għandha fil-*EIF* ma tinbidilx minħabba din il-proposta.

Il-pożizzjoni tal-Fond u l-opinjonijiet tal-BEI u tal-Bord tad-Diretturi dwar iż-żieda kapitali jidhru fil-proposta u fl-evalwazzjoni li saret qabel.

*Il-mezzi użati biex il-pariri mogħtija mill-esperti jkunu disponibbli għall-pubbliku*

Mhux applikabbli.

- **Evalwazzjoni ta’ l-impatt**

Ma saret l-ebda evalwazzjoni formali dwar l-impatt. Mill-Ħarifa ta' l-2005, il-Bord tad-Diretturi tal-Fond evalwa madankollu diversi għażliet u alternattivi sabiex itejjeb il-qagħda tar-riżorsi proprji tal-Fond. Mingħajr żieda tal-kapital, il-Fond ikollu jwaqqaf l-attività tiegħu tar-riżorsi proprji. Fl-aħħarnett, il-bejgħ ta’ l-assi, il-*hedging* jew is-self ma tqisux bħala alternattivi xierqa meta wieħed iqis il-profil tar-riskju, ir-rekwiżiti ta' likwidità u l-karatteristika fit-tul ta' l-operazzjonijiet tal-Fond.

Iż-żieda fil-kapital, l-ewwel waħda minn mindu nħoloq il-Fond fl-1994, hija fundamentali biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Fond. Fiż-żmien immedjat saż-żmien mezzan, hi żżid il-potenzjal tal-Fond għal kooperazzjoni mal-Kummissjoni, mal-BEI u ma’ l-azzjonisti finanzjarji, kif ukoll ma’ nies ġodda jew eżistenti li mhumiex bilfors investituri li jeħtieġu ko-investiment mill-Fond. L-ebda talba oħra għal żieda fil-kapital m’hi se ssir matul il-perjodu 2007-2013 tal-Qafas Finanzjarju li ġej. Il-Fond se juża r-riżorsi proprji tiegħu għall-operazzjonijiet ta' kapital investit fi proġetti ta’ riskju u ta' garanzija biex iżid l-iffinanzjar disponibbli għall-*SMEs* u investimenti li jżidu t-tkabbir ekonomiku għall-*SMEs* fl-innovazzjoni u fl-*R&D*. Il-BEI u l-Kummissjoni huma lesti li jipprovdu r-riżorsi li jitqiesu meħtieġa biex il-politika ta' l-UE taħdem, speċjalment fl-oqsma ta' l-aġenda ta' Liżbona: l-innovazzjoni, it-tkabbir ekonomiku ta’ l-*SMEs* u l-ħolqien ta’ l-impjiegi.

Il-Fond għandu rekord tajjeb ħafna fil-faċilitazzjoni ta’ l-aċċess ta’ l-*SMEs* għal self fit-tul permezz tat-twaqqif u parteċipazzjoni fit-titolizzazzjoni. Mingħajr żieda tal-kapital, il-Fond ma jkunx jista’ jibqa’ jipparteċipa fit-titolizzazzjoni. Minħabba r-riżorsi limitati tal-baġit, l-ammont ta’ sigurtà propost permezz tal-Programm ta' Qafas ta' Kompetittività u Innovazzjoni ta' l-2007-2013 (is-*CIP*) jista' jkopri biss parti żgħira mill-attività ta' garanzija globali preżenti tal-Fond. Barra minn hekk, il-Fond ma jkunx jista’ jestendi l-attivitajiet tiegħu, speċjalment l-operazzjonijiet b’kapital ta’ riskju, għal swieq b’ potenzjal ta’ żvilupp,, speċjalment fl-Istati Membri l-ġodda.

Fi ħdan il-kuntest ta' l-orjentazzjoni mill-ġdid tal-prijoritajiet tal-Grupp tal-BEI mill-Bord tal-Gvernaturi f'Ġunju ta' l-2005, li enfasizza prodotti innovattivi li jużaw sinerġiji fuq livell ta’ Grupp, il-Fond intalab isaħħaħ sew l-appoġġ tiegħu għall-politika ta' l-UE. It-talba tal-Gvernaturi biex tiġi estiża l-attività hi msaħħa mid-diskussjonijiet kontinwi li l-Fond jagħmel mal-Kummissjoni fuq numru ta’ inizjattivi ġodda importanti.

## 3) L-ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-PROPOSTA

- **L-azzjoni proposta fil-qosor**

Ir-riżorsi proprji tal-Fond se jiġu eżawriti sa nofs l-2007. Il-Bord tad-Diretturi tal-Fond għalhekk issuġġerixxa li jżid il-kapital sottoskritt tal-Fond b’sa 50% f’termini nominali, li minnhom 20% iridu jkunu kapital ikkontribwit (*paid-in*). Il-ħsieb hu li jinħarġu sa 1000 sehem ġdid, li jfisser, f'termini nominali, żieda fit-total tal-kapital ta' l-ishma sottoskritti minn EUR 2 biljun sa EUR 3 biljun u, jekk jinżamm il-proporzjon preżenti kkontribwitta’ 20%, żieda ta’ minn EUR 400 miljun sa EUR 600 miljun tal-kapital ikkontribwit. Iż-żieda kapitali tal-Fond kienet approvata

u ffirmata fi ħdan il-qafas tal-kontribut tal-Grupp tal-BEI għall-inizjattiva tat-tkabbir eknomiku u l-impjiegi li ntlaqgħet mill-ECOFIN ta' l-14 ta' Marzu 2006 u tal-Kunsill Ewropew tat-23-24 ta' Marzu 2006.

Hu propost li l-Kummissjoni, f'isem il-Komunità, tixtri sa 30% tal-kapital nominali ġdid. Permezz tal-Qafas Finanzjarju ta' l-2007-2013, ammont ta' EUR 100 miljun qed jiġi allokat fil-baġit ġenerali għal dan il-għan.

Il-prezz totali tax-xiri ta' l-ishma li jrid jitħallas lill-Fond hu magħmul minn żewġ komponenti: il-valur nominali tal-kapital ikkontribwit u l-ammont miżjud mal-prezz ta' l-ishma. Soġġett għal rata kostanti ta' ħlas ta' dividendi, il-prezz tax-xiri ta' l-ishma jirrifletti r-rendiment finanzjarju tal-Fond, jiġifieri aktar kemm imur tajjeb il-Fond aktar ikun għoli l-prezz ta' l-ishma tiegħu u konsegwentement ikun ogħla l-ammont tal-primjum fuq l-ishma. Sabiex jitqiesu xi inċertezzi fil-prezz, il-Kummissjoni tipproponi li tuża d-dividendi mħallsa mill-Fond lill-Komunità matul il-perjodu ta' erba' snin biex tkopri parti mill-ispejjeż fiż-żieda tal-kapital. Id-dividendi li jinqalgħu u jinħtieġu matul il-perjodu ta' l-2007-2010 biex ikopru l-ispejjeż fiż-żieda fil-kapital huma meqjusa bħala dħul assenjat skond l-Artikolu 18(2) tar-Regolament Finanzjarju. Dan ikun jista' jirfed il-ħsieb tal-Kummissjoni li żżomm l-ishma tal-Komunità għal 30% sabiex issostni l-attenzjoni kontinwa tal-Fond fuq il-politika varja ta' l-UE. Minkejja kollox, l-obbligu massimu tal-Komunità mhux se jaqbeż l-allokazzjoni tal-baġit ta' EUR 100 miljun u d-dividendi li jiġu irċevuti matul dan il-perjodu, stmati għal madwar EUR 20 miljun.

- **Bażi ġuridika**

L-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1994/375/KE tas-6 ta' Ġunju 1994 dwar is-sħubija tal-Komunità fil-Fond Ewropew ta' l-Investiment

- **Il-prinċipju tas-sussidjarjetà**

Il-proposta taqa' taħt il-kompetenza esklussiva tal-Komunità. Il-parteċipazzjoni tal-Komunità fil-Fond hi bbażata fuq id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1994/375/KE. It-twaqqif tal-Fond u l-Istatuti tiegħu ġew approvati mill-Bord tal-Gvernaturi tal--BEI. Il-prinċipju tas-sussidjarjetà għalhekk ma japplikax.

- **Il-prinċipju tal-proporzjonalità**

Il-proposta tikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità għar-raġunijiet li ġejjin.

Il-fallimenti tas-suq fil-qasam ta' l-aċċess għall-iffinanzjar għall-*SMEs*, li kienu jeżistu meta nħoloq il-Fond fl-1994, għadhom hemm u minħabba f'hekk l-intervent fil-livell tal-Komunità hu meqjus li għadu validu. Il-Fond wera li kapaċi joffri prodotti finanzjarji li jappoġġjaw lill-*SMEs* b'mod effikaċi ħafna fl-UE kollha, ħaġa li ma kinitx tkun possibbli għal istituzzjoni nazzjonali. Il-Fond għandu jibqa' jmexxi l-operazzjonijiet tar-riżorsi proprji miżjuda tiegħu bil-kriterji u l-proċeduri tas-soltu dwar l-investiment u l-kreditu.

Barra minn dan, iż-żieda fil-kapital tqis il-limitazzjonijiet tal-baġit tal-Qafas Finanzjarju miftiehem u l-estimi tan-negozju tal-Fond juru li ż-żieda fil-kapitali ta' 50% hi biżżejjed biex ikompli bl-operazzjonijiet tar-riżorsi proprji tiegħu sa l-2013.

Ir-riżorsi addizzjonali tal-Fond stess se jżidu l-ammonti ta' finanzi disponibbli għall-*SMEs*. Wara proċess ta' skrutinju għaqli l-Fond jagħżel l-imsieħba adattati, jiġifieri fondi ta' kapital ta' riskju u istituzzjonijiet finanzjarji li mbagħad jipprovdu ishma jew self fit-tul lill-*SMEs*. Il-Bord tad-Diretturi tal-Fond, li fih il-Kummissjoni għandha żewġ Rappreżentanti, irid japprova l-proposti tal-proġetti kollha.

- **Għażla ta' strumenti**

Strumenti proposti: oħrajn.

Mezzi oħra ma jkunux suffiċjenti għar-raġuni(jiet) li ġejjin.

L-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1994/375/KE jispeċifika li l-pożizzjoni tal-Komunità dwar żieda possibbli fil-kapital tal-Fond u dwar il-parteċipazzjoni tagħha f'dik iż-żieda għandha tiġi deċiza b'mod unanimu mill-Kunsill, waqt li jaġixxi fuq proposta mill-Kummissjoni u wara li jikkonsulta lill-Parlament Ewropew

## 4) IMPLIKAZZJONI GĦALL-BAĠIT

Il-Komunità se tissottokrivi sa 300 sehem ġdid ta' l-*EIF*. Il-ħlasijiet annwali ta' l-ishma se jsiru fuq il-perjodu ta' erba' snin 2007-2010. Il-baġit indikattiv allokat ikun jammonta għal madwar EUR 100 miljun, jiġifieri EUR 25 miljun kull sena.

Il-ħsieb hu li jinżammu l-ishma li l-Komunità għandha fil-Fond għal madwar 30% tal-kapital tal-Fond sa l-2010. Minħabba l-prezz varjabbli tal-ħruġ ta' l-ishma l-Kummissjoni m'għandhiex il-possibbiltà li tiddetermina bil-quddiem l-impneji u l-ħlasijiet baġitraji globali u annwali eżatti. Sabiex iżżomm l-ishma li għandha għal madwar 30% sa l-2010 u biex tiffaċċja kull inċertezzi fil-prezz, il-Kummissjoni qed tipproponi li d-dividendi li se jitħallsu mill-Fond matul is-snin 2007-2010 jintużaw kull sena biex ikopru parti minn kemm ikunu jiswew l-ishma l-ġodda. Minkejja dan, l-obbligu massimu tal-Komunità mhux se jaqbeżl-allokazzjoni tal-baġit ta' EUR 100 miljun u d-dividendi li jirċievu matul dan il-perjodu, stmati għal madwar EUR 20 miljun.

## 5) INFORMAZZJONI OĦRA

- **Klawżola dwar analiżi mill-ġdid/reviżjoni/għeluq**

Il-proposta tinkludi klawsola ta' reviżjoni.

- **Spjegazzjoni dettaljata tal-proposta**

L-Artikolu 1 jiddetermina li l-Komunità għandha tissottoskrivi ż-żieda fil-kapital ta' 50% tal-Fond f'termini nominali. Il-Komunità għalhekk tixtri sa 300 sehem. It-termini u l-kundizzjonijiet taż-żieda fil-kapital se jkunu iffissati mill-Laqgħa Ġenerali tal-Fond fl-2007.

L-Artikolu 2 ikopri l-aspett baġitarju tal-proposta. Sabiex iżżomm it-30% ta' l-ishma li għandha l-Komunità, il-Kummissjoni trid tixtri sa 300 ta' l-ishma ġodda tal-Fond. Fi ħdan il-Qafas Finanzjarju ta' l-2007-2013, il-fondi tal-baġit allokati bil-għan li jkun hemm żieda fil-kapital huma limitati għal EUR 100 miljun. Peress li l-prezz

tax-xiri ta' l-ishma hu varjabbli u mhux ċert jekk il-fondi tal-baġit humiex biżżejjed biex iżommu t-30% ta' ishma li għandha fil-Fond sa l-2010, il-Kummissjoni qed tipproponi li tuża kull sena d-dividendi mħallsa mill-Fond matul dan il-perjodu biex tkopri parti mill-ispejjeż tal-parteċipazzjoni tal-Komunità fiż-żieda fil-kapital. L-obbligu massimu tal-Komunità hu għalhekk limitat għall-allokazzjoni tal-baġit ta' EUR 100 miljun u d-dividendi li jirċievu kull sena matul l-2007-2010, jiġifieri ammont stmat għal EUR 20 miljun.

L-Artikolu 3 ikopri l-evalwazzjoni ta' l-attivitajiet tal-Fond li trid issir mill-Kummissjoni sal-31 ta' Lulju 2012.

Fl-imgħoddi, abbażi ta' l-10 premessa tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1994/375/KE, il-Kummissjoni għaddiet ir-Rapport Annwali tal-Fond lill-Kunsill u lill-Parlament. L-Artikolu 4 jipproponi bidla għal din il-prassi u jistieden lill-Fond biex jibgħat ir-Rapport Annwali tiegħu u r-Rapport Annwali tal-Bord ta' l-Awdituri direttament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Skond l-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1994/375/KE, il-Kummissjoni se tibqa' tgħarraf lill-Kunsill dwar dawk il-kwistjonijiet li jridu jiġu diskussi fil-Laqgħa Ġenerali tal-Fond.

2006/0203 (CNS)

Proposta għal

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**

**dwar il-parteċipazzjoni tal-Komunità fiż-żieda tal-kapital tal-Fond Ewropew għall-Investiment**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1994/375/KE, tas-6 ta' Ġunju 1994 dwar is-sħubija tal-Komunità fil-Fond Ewropew ta' l-Investiment[2], u b'mod partikolari l-Artikolu 3 tagħha

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni[3],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew[4],

Billi:

(1) Il-kapital awtorizzat tal-Fond Ewropew għall-Investiment, minn issa '1 quddiem "il-Fond", ġie iffissat, fi żmien it-twaqqif tal-Fond, għal EUR 2 biljun, maqsum f'2 000 sehem b'valur nominali ta' EUR 1 miljun l-wieħed . Skond l-Artikolu 7(1) ta' l-Istatuti tal-Fond Ewropew għall-Investiment[5], minn issa '1 quddiem "l-Istatuti", il-kapital sottoskritt għandu jkun kapital ikkontribwit b'rata ta' 20%.

(2) Skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1994/375/KE, il-Komunità Ewropea rrappreżentata mill-Kummissjoni xtrat 600 sehem mill-Fond għal valur nominali ta' EUR 600 miljun li minnhom EUR 120 miljun huma kapital ikkontribwit.

(3) L-operazzjonijiet ta' garanzija u ta' kapital ta'riskju tal-Fond ma jistgħux jaqbżu l-limiti iffissati mill-Artikolu 26 ta' l-Istatuti jew mill-Laqgħa Ġenerali tal-Fond. Il-limiti jiddependu fuq id-daqs tal-kapital tal-Fond u fuq ir-riżorsi tiegħu. Peress li l-Fond hu mistenni jeżawrixxi r-riżorsi tiegħu sa nofs l-2007 u għalhekk ma jkunx jista' jkompli jħaddem ir-riżorsi tiegħu, il-Bord tad-Diretturi ppropona li jżid b'50% il-kapital awtorizzat tal-Fond f'termini nominali.

(4) Il-Kunsill ta' l-ECOFIN ta' l-14 ta' Marzu 2006 adotta rapport dwar il-proposti mressqa mill-Grupp tal-Bank Ewropew għall-Investiment, minn issa '1 quddiem "il-

---

2 ĠU 173, 7.7.1994, p. 12.
3 ĠU Ċ , , p. .
4 ĠU Ċ , , p. .
5 ĠU L 173, 7.7.1994, p. 1. Statuti kif emendati fid-19 ta' Ġunju 2000 mil-Laqgħa Ġenerali tal-Fond Ewropew ta' l-Investiment (ĠU C 225, 10.8.2001, p. 2).

Grupp tal-BEI, biex isaħħaħ il-kontribut mill-"Grupp tal-BEI" biex jippromwovi t-tkabbir u x-xogħol fl-UE, li jinkludi l-proposta għal żieda tal-kapital fil-Fond.

(5) Il-Kunsill Ewropew tat-23-24 ta' Marzu 2006 laqa' l-kontribut tal-Grupp tal-BEI u stieden lill-protagonisti rilevanti biex jieħdu l-miżuri ta' segwitu meħtieġa, billi jqisu l-ftehim finali dwar il-Qafas Finanzjarju ta' l-2007-2013.

(6) Ix-xiri ta' l-ishma l-ġodda mill-Komunità jkun jappoġġja l-implimentazzjoni ta' l-istrateġija ta' Liżbona u jgħin biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Komunità fil-qasam ta' l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, fil-ħolqien tax-xogħol, fl-innovazzjoni, fir-riċerka u l-iżvilupp, fil-politika ta' koeżjoni u reġjonali u fit-tkabbir.

(7) Allokazzjoni tal-baġit ta' EUR 100 miljun għal żieda tal-kapital tal-Fond hi konsistenti mal-ftehim finali dwar il-Qafas Finanzjarju ta' l-2007-2013.

(8) Ishma ġodda għandhom jiġu sottoskritti mill-azzjonisti tal-Fond skond id-diskrezzjoni tagħhom fuq perjodu ta' erba' snin, li jibda fl-2007 u jintemm fl-2010, filwaqt li jħares l-interessi ta' l-azzjonisti ta' l-istituzzjoni finanzjarja u tal-Bank Ewropew għall-Investiment kif ukoll il-limitazzjonijiet tal-baġit tal-Komunità. Il-prezz ta' l-ishma l-ġodda għandu jiġi ffissat fl-aħħar ta' kull sena u jiġi bbażat fuq il-formula tal-valur nett ta' l-assi miftehma bejn l-azzjonisti tal-Fond,

(9) Id-dividendi annwali li jiġu irċevuti għall-parteċipazzjoni tal-Komunità fil-Fond mill-1995 sa l-2006 ngħataw lura f'waqthom lill-baġit tal-Komunità. Matul is-snin 2007-2010, id-dividendi li jiġu rċevuti għandhom jitqiesu bħala dħul assenjat u se jintużaw biex jagħmlu tajjeb għal parti mill-ispiża taż-żieda tal-kapital. Dan għandu jżid l-ammont ta' fondi tal-baġit disponibbli għaż-żieda tal-kapital, u b'hekk issostni l-għan taż-żamma ta' l-ishma li l-Komunità għandha fil-Fond għal livell ta' 30%.

(10) S'issa l-Kummissjoni għaddiet ir-Rapporti Annwali tal-Fond lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Bil-għan li tiġi ssimplifikata l-proċedura ta' rappurtar, jeħtieġ li jkun previst li l-Fond jibgħat ir-Rapport Annwali tiegħu u r-Rapport Annwali tal-Bord ta' l-Awdituri direttament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

(11) Koordinazzjoni xierqa, sinerġija u kumplimentarjetà se jkunu assigurati bejn l-operazzjonijiet tal-Fond u l-Bank Ewropew għall-Investiment, l-istrumenti finanzjarji tal-Komunità għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u, fejn jixraq, istituzzjonijiet finanzjarji oħra.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Minbarra l-ishma preżenti fil-Fond Ewropew għall-Investiment, minn issa 'l quddiem "il-Fond", il-Komunità Ewropea għandha tissottoskrivi mhux aktar minn 300 sehem kull wieħed b'valur nominali ta' EUR 1 miljun fil-Fond. Ix-xiri ta' l-ishma u l-ħlasijiet annwali għandhom isiru skond it-termini u l-kundizzjonijiet li għandhom jiġu approvati fil-Laqgħa Ġenerali tal-Fond.

*Artikolu 2*

Il-Komunità Ewropea għandha tixtri l-ishma l-ġodda fuq perjodu ta' erba' snin li jibda fl-2007. Tul l-2007-2010, id-dividendi li jiġu irċevuti għall-parteċipazzjoni tal-Komunità fil-Fond għandhom jitqiesu bħala dħul assenjat, skond l-Artikolu 18(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru. 1605/2002[6] tal-25 ta' Ġunju 2002, biex ikopru parti mill-ispiża tas-sottoskrizzjoni.

Barra minn hekk, ammont totali ta' mhux aktar minn EUR 100 miljun għall-perjodu kollu għandhom ikunu disponibbli fil-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej biex ikopru l-ispiża li jkun fadal. L-impenn baġitarju jista' jinqasam fi ħlasijiet annwali fuq erba' snin skond l-Artikolu 76(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru. 1605/2002

*Artikolu 3*

Il-Kummissjoni għandha tressaq lill-Kunsill evalwazzjoni ta' l-attività tar-riżorsi proprji tal-Fond sal-31 ta' Lulju 2012.

*Artikolu 4*

Il-Fond għandu jgħaddi r-Rapport Annwali tiegħu u r-Rapport Annwali tal-Bord tal-Verifika lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*

6 ĠU L 248, 16.9.2002, p.1.

# STQARRIJA LEĠIŻLATTIVA FINANZJARJA

## 1. ISEM IL-PROPOSTA:

Iż-żieda tal-kapita tal-Fond Ewropew għall-Investiment (l-*EIF*) u l-parteċipazzjoni tal-Komunità fiż-żieda tal-kapital.

## 2. QAFAS ABM / ABB

Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji

01.04 Operazzjonijiet u strumenti finanzjarji

## 3. LINJI TAL-BAĠIT

### 3.1. Linji tal-baġit inkluż l-intestaturi:

Nefqa.

01.0409: Fond Ewropew għall-Investiment

01.040901: Fond Ewropew għall-Investiment – Proviżjoni ta' ishma kkontribwiti tal-kapital sottoskritt

01.040902: Fond Ewropew għall-Investiment – Parti mill-ishma tal-kapital sottoskritt li tista' tinxtara lura qabel ma jimmaturaw

Linja tad-dħul.

850 : Dividendi imħallsa mill-*EIF*

### 3.2. Tul l-azzjoni u l-impatt finanzjarju:

Ammont ta' EUR 100 miljun hu allokat fi ħdan il-qafas finanzjarju 2007-2013 taħt is-subintestatura 1A, jiġifieri EUR 25 miljun fl-aħħar ta' kull sena matul il-perjodu ta' erba' snin 2007-2010. Il-Kummissjoni se tissotoskrivi l-ishma l-ġodda skond id-deċiżjoni li għandha tittieħed fil-laqgħa Ġenerali ta' l-EIF dwar il-modalitajiet taż-żieda tal-kapital u tħallashom f'erba' pagamenti annwali skond l-Artikolu 76(3) tar-Regolament Finanzjarju.

L-impatt finali fuq il-baġit tal-Komunità jiddependi l-aktar fuq il-prezz ta' l-ishma fl-aħħar tas-sena li jrid jitħallas għall-ishma ġodda maħruġa mill-*EIF*. Sabiex jiġu indirizzati l-inċertezzi kollha marbuta mal-prezz ta' l-ishma filwaqt li jinżammu l-ishma li l-Komunità għandha fl-*EIF* għal madwar 30%, il-Kummissjoni qed tipproponi li tuża d-dividendi ta' l-*EIF*, li jiġu irċevuti matul il-perjodu ta' erba' snin, biex tkopri parti mill-ispejjeż taż-żieda fil-kapital. Id-dividendi ggwadanjati matul l-2007-2010 huma meqjusa bħala dħul assenjat skond l-Artikolu 18(2) tar-Regolament Finanzjarju. Minkejja kollox, l-obbligu massimu tal-Komunità mhux se jaqbeż l-

allokazzjoni tal-baġit ta’ EUR 100 miljun u d-dividendi li jiġu rċevuti matul dan il-perjodu, stmati għal madwar EUR 20 miljun.

L-impenji u l-ħlasijiet tal-parteċipazzjoni tal-Komunità se jkunu jiddependu mill-approvazzjoni ta’ ħruġ ta’ ishma ġodda, l-apprprjazzjoni tad-dħul nett annwaliu t-tqassim tad-dividendi mil-Laqgħa Ġenerali ta' l-*EIF*.

### 3.3. Karatteristiċi tal-baġit:

| **Linja tal-baġit** | **Tip ta’ nefqa** | | **Ġdid** | **Kontribuzzjoni ta’ l-*EFTA*** | **Kontribuzzjonijiet mill-pajjiżi applikanti** | **Intestatura fil-qafas finanzjarju** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 01 04 09 | Mhux obbligatorja. | Diff[7] | IVA | LE | LE | Le 1A |

## 4. Sommarju tar-riżorsi

### 4.1. Riżorsi Finanzjarji

*4.1.1. Sommarju ta’ l-approprjazzjonijiet indikattivi għall-impenji (AI) u u ta’ l-approporjazzjonijiet indikattivi għall-ħlasijiet (AĦ)*

It-tabella tipprovdi l-ammonti allokati fil-Qafas Finanzjarju 2007-2013 biex tkopri — approprjazzjonijiet għall-impenji u l-ħlasijiet mingħajr ma tqis id-dividendi ta' l-*EIF* (ara l-punt 4.1.3).

EUR miljun

| **Tip ta’ nefqa (ammonti indikattivi)** | Sezzjoni nru. | | 2007 | 2008 | 2009 | 2010 | 2011 | 2012 u wara | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Nefqa operazzjonali[8]** | | | | | | | | | |
| Approprjazzjonijiet għall-Impenji (*AI*) | 8.1. | a | 25.0 | 25.0 | 25.0 | 25.0 | - | - | 100.0 |
| Approprjazzjonijiet għall-Ħlasijiet (*AĦ*) | | b | 25.0 | 25.0 | 25.0 | 25.0 | - | - | 100.0 |
| **Nefqa amministrattiva fi ħdan l-ammont ta’ referenza[9]** | | | | | | | | | |
| Għajnuna teknika u amministrattiva (*AMD*) | 8.2.4. | c | - | - | - | - | - | - | - |

7 Approprjazzjonijiet differenzjati

8 Nefqa li ma taqax taħt il-Kapitolu xx 01 tat-Titolu xx konċernat.

9 Nefqa skond l-artikolu xx 01 04 tat-Titolu xx.

**AMMONT TA' REFERENZA TOTALI**

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Approprjazzjonijiet għall-Impenji** | | a+c | **25.0** | **25.0** | **25.0** | **25.0** | - | - | **100.0** |
| **Approprjazzjonijiet għall-Ħlasijiet** | | b+c | **25.0** | **25.0** | **25.0** | **25.0** | - | - | **100.0** |

**Nefqa amministrattiva <u>mhux</u> inkluża fl-ammont ta' referenza**[10]

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Riżorsi umani u nefqa marbuta (*AMD*) | 8.2.5. | d | - | - | - | - | - | - | - |
| Spejjeż amministrattivi, barra r-riżorsi umani u l-ispejjeż assoċjati, mhux inklużi fl-ammont ta' referenza (*AMD*) | 8.2.6. | e | - | - | - | - | 0.1 | - | 0.1 |

**Spiża finanzjarja totali indikattiva għall-intervent**

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| ***AI* TOTALI inklużi l-ispejjeż tar-Riżorsi Umani** | | a+c+d +e | 25.0 | 25.0 | 25.0 | 25.0 | 0.1 | - | 100.1 |
| ***AĦ* TOTALI inklużi l-ispejjeż tar-Riżorsi Umani** | | b+c+ d+e | 25.0 | 25.0 | 25.0 | 25.0 | 0.1 | - | 100.1 |

*4.1.2. Kompatibbiltà ma' l-Ipprogrammar Finanzjarju*

X Il-proposta hi kompatibbli ma' l-ipprogrammar finanzjarju eżistenti.

☐ Il-proposta se tirrikjedi l-ipprogrammar mill-ġdid tat-titolu rilevanti fil-Qafas Finanzjarju.

☐ Il-proposta tista' tirrikjedi li jiġu applikati d-dispożizzjonijiet tal-Ftehim Interistituzzjonali[11] (jiġifieri l-istrument ta' flessibbiltà jew reviżjoni tal-Qafas Finanzjarju).

*4.1.3. Impatt finanzjarju fuq id-Dħul*

☐ Il-proposta m'għandha l-ebda implikazzjoni finanzjarja fuq id-dħul

X Il-proposta għandha impatt finanzjarju – l-effett fuq id-dħul hu kif ġej:

Id-dividendi mħallsa mill-*EIF* matul il-perjodu 2007-2010 huma meqjusa bħala dħul assenjat skond l-Artikolu 18(2) tar-Regolament Finanzjarju u se jintużaw biex ikopru parti min-nefqa tal-parteċipazzjoni tal-Komunità fiż-żieda tal-kapital ta' l-*EIF*. Kull ammont żejjed mhux meħtieġ biex ikopri l-ispejjeż taż-żieda tal-kapital se jingħata lura lill-baġit tal-Komunità. Id-dettalji kollha marbuta mal-metodu li jikkalkula l-effett fuq id-dħul flimkien ma' eżempju jinsabu fl-Anness. L-ammonti t'hawn taħt huma biss indikattivi u bbażati fuq iċ-ċifri tal-kont tal-qliegħ u t-telf ta' l-EIF tat-30 ta' Ġunju 2006.

[10] Nefqa skond il-kapitolu xx 01 barra mill-artikolu xx 01 04 xx 01 05.
[11] Ara l-punti 19 u 24 tal-Ftehim Interistituzzjonali.

EUR miljun

| Linja tal-baġit | Ammonti indikattivi | Qabel l-azzjoni 2006 | Sitwazzjoni indikattiva wara l-azzjoni 2007 | 2008 | 2009 | 2010 | 2011 | 2012 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 850 Dividendi mħallsa mill-*EIF* | *a) Dħul Indikattiv* | 5.1 | *6.2* | *5.6* | *6.4* | *7.5* | - | - |
| | *b) Bidla fid-dħul* | *Δ* | *-6.2* | *-5.6* | *-6.4* | *-7.5* | - | - |

## 4.2. Riżorsi Umani *FTE* (inkluż l-uffiċjali, staff temporanju u estern) – ara d-dettalji taħt il-punt 8.2.1.

| **Rekwiżiti annwali** | 2007 | 2008 | 2009 | 2010 | 2011 | 2012 u wara |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Numru totali ta' riżorsi umani | 0.6 | 0.6 | 0.6 | 0.6 | 0.6 | 0.6 |

# 5. IL-KARATTERISTIĊI U L-GĦANIJIET

## 5.1. Il-ħtiġega li trid tintlaħaq

L-*EIF* juża r-riżorsi tiegħu bħala allokazzjoni kapitali għall-operazzjonijiet ta' garanzija tiegħu u bħala ħlas ta' l-ishma għall-investimenti kapitali ta' riskju tiegħu. Abbażi tal-previżjonijiet tan-negozju għall-2006-2009, l-*EIF* se jispiċċawlu r-riżorsi proprji sa nofs l-2007. Iż-żieda tal-kapital proposta hi fundamentali biex jintlaħqu l-għanijiet ta' l-*EIF*, jiġifieri biex jappoġġjaw l-aċċess ta' l-*SMEs* għall-finanzi fl-UE, il-pajjiżi msieħba, il-pajjiżi kandidati u ċerti pajjiżi terzi oħra. L-*EIF* jibqa' jsaħħaħ il-pożizzjoni tiegħu bħala ċentru ta' eċċellenza, għarfien u professjonalità fit-tmexxija tal-linja proprja tan-negozju tiegħu ta' kapital ta' riskju u garanziji fuq portafolli ta' titoli , kif ukoll biex jestendi t-teknika ta' l-inġinerija finanzjarja, għal oqsma fejn hu magħruf li hemm fallimenti fis-suq (fi stadju bikri, innovazzjoni, trasferiment tat-teknoloġija, eċċ.) u fejn il-valur miżjud ta' l-*EIF* jista' jintwera, b'mod partikolari fl-Istati Membri l-ġodda u fil-pajjiżi msieħba. Jista' jestendi l-attività tiegħu biex jipprovdi fondi flessibbli għall-*SMEs* u firxa ġdida ta' skemi innovattivi.

## 5.2. Il-valur miżjud ta' l-involviment tal-Komunità, il-konsistenza tal-proposta ma' strumenti oħra finanzjarji u s-sinerġija possibbli

Iż-żieda tal-kapital ittejjeb l-potenzjal ta' l-*EIF* għall-kooperazzjoni ma' l-azzjonisti tiegħu (il-Kummissjoni, il-BEI u l-istituzzjonijiet finanzjarji) u oħrajn. Din tagħti lok biex l-*EIF* ikabbar il-firxa ġeografika tiegħu preżenti u jżid l-attività tiegħu fl-oqsma ta' l-*R&D*/l-innovazzjoni, l-*SMEs* u fl-Istati Membri l-ġodda.

L-istess riżorsi ta' l-*EIF* se jikkumplimentaw l-mandati tal-Komunità u tal-BEI (jiġifieri l-istrumenti finanzjarji permezz tal-Programm ta' Kompetittività u Innovazzjoni (is-*CIP*) u l-Mandat dwar il-Kapital ta' Riskju tal-BEI), u jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-għanijiet ta' Liżbona. Ir-riżorsi stess ta' l-*EIF* se jkunu meħtieġa biex isaħħu l-fondi tal-Komunità, jiġifieri biex jinvestu flimkien mar-

riżorsi tal-Komunità f'fondi kapitali ta' riskjuu jekk jista' jkun fi proġetti ta' trasferiment ta' teknoloġija, kif ukoll biex jipparteċipaw fil-qsim ta' riskju permezz tal-faċilitajiet ta' garanzija tas-*CIP*.

### 5.3. L-għanijiet, ir-riżultati mistennija u l-indikaturi relatati tal-proposta fil-kuntest tal-qafas ta' l-*ABM*

L-evalwazzjoni ta' qabel tipprovdi informazzjoni dettaljata dwar l-għanijiet tal-politika, ir-riżultati mistennija u indikaturi relatati.

L-*EIF* identifikat ruħha bħala l-unika istituzzjoni Komunitarja li tiffoka b'mod speċjalizzat fuq l-iffinanzjar ta' l-*SME*, li ssegwi l-għanijiet rilevanti ta' l-UE speċjalment l-innovazzjoni, ir-riċerka u l-iżvilupp, l-intraprenditorija, it-tkabbir, u l-ħolqien ta' l-impjiegi. Dawk l-għanijiet, li jridu jiddaħħlu wkoll fl-għan ġenerali tat-tkabbir b'suċċess ta' l-UE, għadhom xorta rilevanti ħafna u jibqgħu prijorità ewlenija għall-UE biex jiġu segwiti, kif enfasizzat fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tar-rebbiegħa ta' l-2005 u ta' l-2006.

L-ebda talba addizzjonali għal żieda kapitali ma ssir matul il-perjodu tal-Qafas Finanzjarju li ġej (2007-2013).

### 5.4. Metodu ta' Implimentazzjoni (indikattiv)

X ***Ġestjoni Ċentralizzata***

X direttament mill-Kummissjoni

## 6. MONITORAĠĠ U EVALWAZZJONI

### 6.1. Sistema ta' monitoraġġ

Il-kontijiet annwali ta' l-*EIF* huma awditjati mill-awdituri esterni permezz tal-mandat tal-Bord tal-Verifika ta' l-*EIF*. Dawn il-kontijiet iridu jiġu approvati mill-azzjonisti fil-Laqgħa Ġenerali Annwali.

L-awditjar intern, li hu mogħti barra bħala xogħol lill-BEI, jevalwa kemm huma rilevanti u effikaċji s-sistemi ta' kontroll interni u l-proċeduri involuti. Qed jintroduċi qafas ta' kontroll intern ibbażat fuq il-linji ta' gwida tal-*BIS*. L-awditjar intern jirrevedi wkoll u jittestja l-kontrolli fit-teknoloġija ta' l-informatika u fl-oqsma amministrattivi.

Il-Bord tad-Diretturi jevalwa l-operazzjonijiet individwali ta' l-*EIF* u jimmonitorja l-kapital ta' riskju u l-oqsma oħra ta' garanzija. Hu jassigura wkoll li l-Fond jitmexxa skond l-Istatuti tiegħu u l-linji ta' gwida speċifiċi adottati mill-Bord. Il-Kummissjoni nnominat żewġ diretturi u żewġ sostituti għall-Bord tad-Diretturi. Waqt li jkunu qed jaqdu dmirijiethom bħala diretturi jew sostituti, il-Membri tal-Bord tad-Diretturi u s-Sostituti huma responsabbli biss lejn il-Laqgħa Ġenerali ta' l-*EIF*. Waqt li jkunu qed jaqdu dmirijiethom bħala Membri tal-Bord jew Sostituti, huma jridu jaġixxu b'mod indipendenti u b'mod li jservu l-aħjar interess ta' l-*EIF*. Huma għandhom jassiguraw li l-azzjonijiet tagħhom jibqgħu fi ħdan is-setgħat mogħtija lilhom jew taħt l-Istatut u jekk inkella jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet ta' l-Istatuti u r-Regoli dwar il-

Proċedura ta' l-*EIF*. Kull kunflitt ta’ interess u kwistjonijiet ta’ kxif huma ttrattati fil-kodiċi ta’ mġiba ffirmat mill-Membri kollha u mis-Sostituti tal-Bord.

L-*EIF* hu kklassifikat mit-tliet aġenziji ewlenin li jagħtu opinjoni finanzjarja, Fitch, Moody's u Standard & Poors.

Fl-aħħarnett, Ftehim li hemm bejn Tliet Partijiet bejn l-*EIF*, il-Qorti ta’ l-Awdituri u l-Kummissjoni jkopri l-arranġamenti biex jagħtu lill-Qorti d-dokumenti u l-informazzjoni marbuta mal-parteċipazzjoni tal-Komunità fil-kapital ta’ l-*EIF*.

### 6.2. Evalwazzjoni

*6.2.1. Evalwazzjoni ex-ante*

L-evalwazzjoni ex-ante tħejjiet mis-servizzi tal-Kummissjoni (DĠ ECFIN) f’Marzu ta’ l-2006.

*6.2.2. Miżuri meħuda wara li saret evalwazzjoni intermedjarja/evalwazzjoni ex-post (tagħlimiet li ttieħdu minn esperjenzi simili fil-passat)*

Ma saret l-ebda evalwazzjoni wara. L-evalwazzjoni li saret qabel fiha l-konklużjonijiet ta’ l-evalwazzjonijiet l-oħra rilevanti li saru mill-Kummissjoni.

*6.2.3. Kundizzjonijiet u frekwenza ta’ evalwazzjoni fil-futur*

Il-proposta għal Deċiżjoni ġdida tal-Kunsill tistipula li l-Kummissjoni se tagħmel l-evalwazzjoni sal-31 ta’ Lulju 2012. Dan ir-rapport għandu jevalwa l-attività li l-*EIF* jagħmel għall-*SMEs* u l-qagħda tal-fondi tiegħu stess.

## 7. MIŻURI KONTRA L-FRODI

Ġew implimentati Proċeduri ta' l-*EIF* Kontra l-Frodi fit-22 ta' Jannar 2002 sabiex jassiguraw li l-miżuri adattati qegħdin fis-seħħ f'każ li jinstabu frodi jew imġiba ta’ frodi fl-*EIF*.

Barra minn hekk, il-Bord tad-Diretturi ta’ l-*EIF* adotta f’Ġunju ta’ l-2004 dokument “OLAF: Deċiżjoni dwar miżuri biex jikkumbattu l-frodi” li jistipula t-termini u l-kundizzjonijiet għall-investigazzjonijiet marbuta mal-prevenzjoni ta' frodi, korruzzjoni u kull attività illegali ta' ħsara għall-interessi finanzjarji tal-Komunità.

## 8. DETTALJI TAR-RIŻORSI

### 8.1. L-għanijiet tal-proposta skond l-ispiża finanzjarja tagħhom (ammonti indikattivi)

Spejjeż kommessi allokati f'EUR miljun

| | Tip ta' kontribut | Spiża medja | 2007 | | 2008 | | 2009 | | 2010 *) | | 2011 u wara | | TOTAL | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Nru. ta' *outputs* | Spiża totali | Nru. ta' *outputs* | Spiża totali | Nru. ta' *outputs* | Spiża totali | Nru. ta' *outputs* | Spiża totali | Nru. ta' *outputs* | Spiża totali | Nru. ta' *outputs* | Spiża totali |
| | Dividendi użati biex ikopru parti mill-ispiża taż-żieda tal-kapital | 6.4 | Ksib ta' ishma ġodda | 6.2 | Ksib ta' ishma ġodda | 5.6 | Ksib ta' ishma ġodda | 6.4 | Ksib ta' ishma ġodda | 7.5 | - | - | Ksib ta' ishma ġodda | 25.7 |
| | Parteċipazzjoni fiż-żieda tal-kapital ta' l-*EIF* (allokazzjoni inizjali tal-baġit | 25.0 | Ksib ta' ishma ġodda | 25.0 | Ksib ta' ishma ġodda | 25.0 | Ksib ta' ishma ġodda | 25.0 | Ksib ta' ishma ġodda | 25.0 | - | - | Ksib ta' ishma ġodda | 100.0 |
| **SPIŻA TOTALI** | | 31.4 | Ksib ta' madwar 90 sehem ġdid | 31.2 | Ksib ta' madwar 91 sehem ġdid | 30.6 | Ksib ta' madwar 91 sehem ġdid | 31.4 | Ksib ta' madwar 28 sehem ġdid | 32.5 | - | - | Ksib ta' sa 300 sehem ġdid | 125.7 |

*) L-ammonti indikati fl-2010 huma l-ammonti totali disponibbli biex ikopru l-ispiża taż-żieda tal-kapital. L-ammont meħtieġ fl-2010 biex ikopri x-xiri ta' l-ishma l-ġodda hu mistenni li jkun aktar baxx b'mod sinifikanti.

## 8.2. Nefqa Amministrattiva

Il-bżonn ta' riżorsi umani u amministrattivi għandhom ikunu koperti permezz ta' l-allokazzjoni mogħtija lis-servizz li jimmaniġja fil-qafas tal-procedura ta' l-allokazzjoni annwali.

### *8.2.1. In-numru u t-tip ta' riżorsi umani*

Il-kompiti se jsiru mill-istaff preżenti tal-Kummissjoni.

| Tipi ta' kariga | | Staff li jrid jiġi assenjat biex jimmaniġja l-azzjoni billi juża' r-riżorsi eżistenti (**numru ta' postijiet/*FTEs***) | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | 2007 | 2008 | 2009 | 2010 | 2011 | 2012 |
| Uffiċjali jew staff temporanju[12] (XX 01 01) | A*/AD | 0.6 | 0.6 | 0.6 | 0.6 | | |
| | B*, C*/AST | - | - | - | - | - | - |
| **TOTAL** | | 0.6 | 0.6 | 0.6 | 0.6 | | |

### *8.2.2. Deskrizzjoni tal-kompiti li joħorġu mill-azzjoni*

Minbarra x-xogħol amminstrattiv marbut mat-transazzjonijiet finanzjarji, iż-żieda tal-kapital mhix se toħloq tant kompiti oħra.

Iżda, sabiex jigu ġestiti r-relazzjonijiet kontinwi ma' l-*EIF*, l-ufficjal inkarigat hu responsabbli biex iħejji l-proċeduri amministrattivi kollha, bħad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni dwar in-nominazzjonijiet ta' rappreżentanti tal-Kummissjoni għall-Bordijiet ta' l-*EIF*; kuntatti ma' l-*EIF* u tkomplija tan-negozjati ta' kull tip ta' investiment, bħal skemi finanzjarji li jqisu r-rata ta' tibdil fir-rati fissi; u l-koordinazzjoni mal-Qorti ta' l-Awdituri skond il-Ftehim bejn it-Tliet Partijiet.

Barra minn hekk, l-uffiċjal jgħin lir-Rappreżentanti tal-Kummissjoni fit-tħejjija tal-laqgħat tal-Bord tad-Diretturi. F'dan ir-rigward, l-uffiċjal jeżamina l-implikazzjonijiet tal-proposti ta' l-*EIF* fl-interess tal-Komunità fil-qafas tal-politika ta' l-*EIF* u b'koordinazzjoni mas-servizzi rilevanti tal-Kummissjoni. Dan il-kompitu jkopri wkoll l-evalwazzjoni ta' l-operazzjonijiet ta' l-*EIF* li jinvolvu l-investimenti jew il-ko-investiment ta' l-istess riżorsi ta' l-*EIF.* L-uffiċjal jgħin ukoll lill-Kummissarju jew lir-rappreżentant tiegħu fit-tħejjija tal-Laqgħat Ġenerali ta' l-*EIF.*

Fl-aħħarnett, l-uffiċjal jassigura li l-Kunsill hu mgħarraf sew bix-xogħol ta' l-*EIF* skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1994/375/KE.

---

12 L-ispiża tagħhom li MHIX koperta bl-ammont ta' referenza

*8.2.3. Sorsi ta' riżorsi umani (statutarji)*

Fejn jissemma aktar minn sors wieħed, jekk jogħġbok indika n-numru ta' impjiegi li joriġinaw minn kull wieħed mis-sorsi

X Impjiegi li hemm allokati bħalissa

*8.2.4. Nefqa Amministrattiva oħra inkluża fl-ammont ta' referenza (XX 01 04/05 - Nefqa fit-tmexxija amministrattiva)*

Xejn.

*8.2.5. Spiża finanzjarja tar-riżorsi umani u spejjeż marbuta mhux imdaħħla fl-ammont ta' referenza*

EUR miljun

| Tip ta' riżorsi umani | 2007 | 2008 | 2009 | 2010 | 2011 | 2012<br>u wara |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Uffiċjali u staff temporanju (XX 01 01) | 0.065 | 0.065 | 0.065 | 0.065 | | |
| **Spiża totali tar-Riżorsi Umani u spejjeż marbuta (LI MHIX fl-ammont ta' referenza)** | **0.065** | **0.065** | **0.065** | **0.065** | | |

Kalkolu – ***Uffiċjali u aġenti Temporanji***

EUR 108 000 * 0.6 = EUR 64 800.

*8.2.6. Nefqa oħra* amministrattiva *mhux inkluża fl-ammont ta' referenza*

EUR miljun

| | 2007 | 2008 | 2009 | 2010 | 2011 | 2012 and later | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| XX 01 02 11 04 – Studji & konsultazzjonijiet | - | - | - | - | 0.1 | - | 0.1 |
| **Nefqa Oħra Totali għall-Immaniġjar (XX 01 02 11)** | - | - | - | - | 0.1 | - | 0.1 |
| **Nefqa Totali Amministrattiva, barra mill-ispejjeż tar-riżorsi umani u spejjeż marbuta (MHUX inklużi fl-ammont ta' referenza)Total** | - | - | - | - | 0.1 | - | 0.1 |

Kalkolu – ***Nefqa oħra amministrattiva mhux inkluża fl-ammont ta' referenza***

Dan l-ammont indikattiv ta' EUR 100 000 ikopri l-ispejjeż ta' evalwazzjoni esterna li trid titħejja sa Lulju ta' l-2012.

**Anness**

**Iż-żieda tal-kapital u l-prezz ta' l-ishma**

L-*EIF* jimmira biex jikseb injezzjoni ta' flus ta' madwar EUR 330 miljun, li tkun ibbażata fuq iż-żieda tal-kapital ta' 50% f'termini nominali. Sabiex dan jintlaħaq, 1000 sehem ġdid se jinħareġ mill-*EIF* u jinxtraw sussegwentement mill-azzjonisti tiegħu. Sa fejn hija kkonċernata l-Komunità, il-pagamenti għandhom jitħallsu fuq perjodu ta' erba' snin. Il-proposta ta' l-*EIF* għaż-żieda tal-kapital tipprevedi li l-ishma l-ġodda jkollhom il-prezz abbażi tal-formula *RSPU* li ftehmu dwarha l-azzjonisti f'Ġunju ta' l-2005 li tiġi determinata kif ġej:

> Il-prezz ta' l-ishma = (Il-kapital ikkontribwit + il-kont tal-primjum fuq l-ishma + ir-riżervi + qligħ mhux relaizzat fuq il-kapital ta' riskju innu + profit mis-sena ta' qabel + il-profit tas-sena – id-dividendi tas-sena) / numru ta' ishma.

Permezz ta' din il-formula tal-valur nett ta' l-assi (l-*NAV*), il-prezz annwali tal-ħruġ ta' l-ishma se jvarja bħala funzjoni tal-kalkolu ta' l-*NAV* annwali u l-azzjonisti jridu jħallsu għal kull sehem aktar mill-valur nominali tal-kapital ikkontribwit. Il-valur żejjed se jkun allokat lill-kont tal-primjum ta' l-ishma ta' l-*EIF*, b'hekk iżid aktar l-ammont tar-riżorsi proprji ta' l-*EIF* .

Wara li l-Kunsill jawtorizza li jiżdied il-kapital ta' l-*EIF* b'1000 sehem il-Laqgħa Ġenerali ta' l-*EIF* tadotta d-deċiżjoni biex toħroġ l-ishma l-ġodda.

L-*EIF* se joffri l-istess kundizzjonijiet lil kull azzjonist, jiġifieri l-possibbiltà li jixtri l-ishma l-ġodda fuq il-perjodu ta' erba' snin bejn l-2007-2010. Iżda, il-biċċa l-kbira ta' l-istituzzjonijiet finanzjarji li bħalissa għandhom madwar 8% ta' l-ishma ta' l-*EIF* indikaw li jistgħu jixtru l-allokazzjoni kollha tagħhom ta' l-ishma fl-2007. Il-kalkoli t'hawn taħt huma bbażati fuq l-preżunzjoni li l-BEI se jixtri wkoll il-parti tiegħu ta' l-ishma fl-2007 sabiex iwieġeb għat-talba ta' l-istituzzjonijiet finanzjarji biex jipprovdu impenn irrevokabbli tal-BEI għaż-żieda tal-kapital. Għalhekk in-numru ta' ishma li jridu jinħarġu fl-2007 ikun ogħla milli fis-snin ta' wara.

Il-baġit annwali disponibbli għall-Kummissjoni għax-xiri ta' l-ishma ta' l-*EIF* jammonta għal EUR 25 miljun. Sabiex ikun jista' jinxtara n-numru indikat ta' l-ishma, hu propost li jintużaw id-dividendita' l-*EIF* li ġew irċevuti matul il-perjodu bejn l-2007-2010 għax-xiri ta' l-ishma l-ġodda skond l-Artikolu 18(2) tar-Regolament Finanzjarju. Dan ikun jista' jgħin sew lill-istruttura ta' ishma li għandha l-Komunità biex tibqa' relattivament stabbli sa l-2010 u juri l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tixtri kemm tista' ishma mill-bidunett, b'hekk turi l-impenn li għandha għall-*EIF* u għaż-żieda kapitali. Iżda, minħabba r-riżorsi tal-baġit limitati disponibbli kull sena, matul l-2007-2009 il-persentaġġ ta' 30% ta' l-ishma li għandha l-Komunità se jonqos xi ftit (abbażi tal-kalkoli indikattivi ppreżentati hawn taħt, fl-2007 l-ishma li għandha l-Komunità jkunu madwar 25%, fl-2008 madwar 27%, fl-2009 madwar 29% u mill-2010 madwar 30%).

Abbażi tal-kont tal-qliegħ u t-telf ta’ l-*EIF* tat-30 ta’ Ġunu 2006 u l-prezz ta’ l-ishma indikattiv, it-tabella t’hawn taħt toffri eżempju tan-numru ta’ ishma li l-Kummissjoni tista’ possibilment tixtri u l-bżonnijiet tal-baġit:

| | 2007 | 2008 | 2009 | 2010 | Total |
|---|---|---|---|---|---|
| Numru ta’ ishma indikattiv li se jinxtraw mill-azzjonisti | 790 | 90 | 89 | 26 | 1000 |
| Numru ta’ ishma indikattiv li se jinxtraw mill-Kummissjoni | 95 | 90 | 89 | 26 | 300 |
| Prezz indikattiv ta’ l-ishma fl-aħħar tas-sena (f’EUR) | 326 526 | 338 912 | 351 406 | 364 376 | |
| Bżonn indikattiv tal-baġit (f’EUR) | 31 019 970 | 30 502 080 | 31 275 134 | 9 473 776 | 102 270 960 |

**Dħul Komunitarju**

Skond l-Artikolu 24 ta’ l-Istatuti tiegħu, l-*EIF* qed jimmira għal dħul xieraq għall-azzjonisti tiegħu. Wara d-deċiżjoni tal-Laqgħa Ġenerali ta’ l-*EIF*, l-*EIF* iqassam id-dividendi mill-profitt nett annwali lill-azzjonisti tiegħu. Fir-rigward ta’ l-ishma li għandha l-Komunità, dawn id-dividendi jingħataw lura lill-baġit tal-Komunità (linja 850 : divdiendi mħallsa mill-*EIF*).

Bħalissa, id-dħul ta' l-*EIF* hu magħmul l-aktar mid-dħul tat-teżor, l-ispejjeż ta’ l-immaniġġjar u d-dħul mit-tħaddim tar-riżorsi ta’ garanzija tiegħu. Iżda, id-dħul minn investiment kapitali ta’ riksju li hu diffiċli biex tipprevedih, probabilment jifforma parti li dejjem qed tikber mid-dħul globali ta’ l-*EIF* fil-ġejjieni. Barra minn hekk, mandati ġodda li jista’ jkun hemm se jipprovdu aktar ħlasijiet għall-immaniġjar, b'hekk iżidu l-profitbailità ta' l-*EIF*. Hu għalhekk diffiċli biex jingħataw figuri eżatti fuq id-dħul fil-gejjieni u d-dividendi sussegwenti. Għall-fini ta’ eżempji, it-tabella t'hawn taħt turi eżempju simplifikat:

| | Sena Finanzjarja *) | | | |
|---|---|---|---|---|
| | 2006 | 2007 | 2008 | 2009 |
| Numru ta’ ishma mixtrija inizjalment mill-Kummissjoni | 600 | 600 | 600 | 600 |
| Numru indikattiv ta’ ishma ġodda li jridu jinxtraw mill-Kummissjoni | 0 | 95 | 90 | 89 |
| Numru kumulattiv ta’ ishma mixtrija mill-Kummissjoni | 600 | 695 | 785 | 874 |
| Dividend annwali stmat għal kull sehem (f’EUR) | 10 299 | 8 014 | 8 197 | 8534 |
| Ammont stmat ta’ imgħax li trid tirċievi l-Kummissjoni fis-sena ta' wara (f'EUR) | 6 179 400 | 5 569 730 | 6 434 645 | 7 458 716 |

*) Dividendi marbuta mas-sena finanzjarja n jitħallsu f’Mejju/Ġunju tas-sena n+1.

**Impatt globali fuq il-baġit tal-Komunità**

Sabiex l-ishma li għandha l-Komunità jinżammu għal madwar 30% sa l-2010, il-Kummissjoni trid tixtri sa 300 sehem ġdid ta' l-*EIF*. Il-ħlasijiet annwali se jsiru matul il-perjodu 2007-2010, skond l-Artikolu 76(3) tar-Regolament Finanzjarju. Ghalhekk, barra mill-allokazzjoni annwali tal-baġit ta’ EUR 25 miljun il-Kummissjoni tipproponi li tuża d-dividendi mħallsa matul il-perjodu 2007-2010 biex tkopri parti mill-ispejjeż taż-żieda tal-kapital.

Il-ħlas tad-dividendi jsir eżatt wara li jiġi approvat it-tqassim tad-dividendi fil-Laqgħa Ġenerali ta’ l-*EIF*. Fl-istess waqt, wara d-deċiżjoni tal-Laqgħa Ġenerali, l-azzjonisti jkunu mistiedna jixtru l-ishma l-ġodda u jintalbu mill-*EIF* biex iħallsu l-ishma l-ġodda sottoskritti. Skond l-Artikolu 18(2) tar-Regolament Finanzjarju, il-Kummissjoni tuża d-dividendi li tkun qalgħet biex tkopri parti mill-ispejjeż taż-żieda tal-kapital. Kull ammont żejjed ta’ imgħax li jinqalgħu kull sena fl-2007-2009, li ma jkunx meħtieġ biex ikopri parti mill-ispejjeż taż-żieda kapitali, jiġi trasferit għas-sena ta’ wara. Jekk id-dividendi żejda fl-2010 ma jkunux meħtieġa biex ikopru l-ispejjeż taż-żieda tal-kapitali, dawk id-dividendi żejda jingħataw lura lill-baġit tal-Komunità

Impatt ieħor ikun li l-ammonti kommessi u l-pagamenti jingħataw bil-quddiem, jiġifieri x’aktarx li l-ammonti meħtieġa għall-impenji u l-ħlasijiet tal-baġit fl-2010 jistgħu jitnaqqsu sew.